



Brussell, 12 ta' Marzu 2020
(OR. en)

**Fajl Interistituzzjonali:
2019/0254(COD)**

5623/3/20
REV 3

LIMITE

**AGRI 39
AGRIFIN 7
AGRIORG 7
AGRISTR 3
CODEC 62**

DOKUMENT TA' ĦIDMA

minn:	Presidenza
lil:	Delegazzjonijiet
Nru dok. Cion:	13643/19 + ADD1
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jstabbilixxi ċerti dispożizzjonijiet transizzjonali għall-appoġġ mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) fis-sena 2021 u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 229/2013 u (UE) Nru 1308/2013 fir-rigward tar-riżorsi u d-distribuzzjoni tagħhom fis-sena 2021 u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013, (UE) Nru 1306/2013 u (UE) Nru 1307/2013 fir-rigward tar-riżorsi u l-applikazzjoni tagħhom fis-sena 2021 - Tnejn għal approċċ ġenerali parzjali

Further to the examination carried out by the Working Party on Horizontal Agricultural Questions (WP HAQ) and the Special Committee on Agriculture (SCA), delegations will find attached:

- **amendments to the Commission proposal** suggested by the Presidency, with a view to a partial general approach to be agreed at the March 'Agriculture and Fisheries' Council (Annex A)
- a **Council statement** on the duration of the transitional period to be entered into the minutes of the March 'Agriculture and Fisheries' Council (Annex B)

These suggestions take on board in so far as possible the comments made by delegations both orally and in writing. Text in **bold** and **underlined** denotes text added to the Commission proposal and [...] denotes text deleted from the Commission proposal.

In Annex A, the **only changes** compared to the previous version of this document are in Article 6, Article 8 (1) and (2), Article 10 (10a) and Article 11 (2a), which are highlighted in **grey**. These changes try to take on board as much as possible delegations' comments made at the SCA on 9 March and in their additional written suggestions.

The Presidency believes that this text strikes a balanced compromise between all different national positions and should therefore serve as a good basis for reaching a partial general approach at the March 'Agriculture and Fisheries' Council. Therefore, the Presidency has no intention to make further changes in the text. However, given that, in the light of the current situation, the SCA on 16 March has been cancelled, should any delegation have still a major issue with this text, it should communicate it to the Presidency by **Monday 16 March, close of business**.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi ċerti dispożizzjonijiet transizzjonali għall-appoġġ mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) fis-sena 2021 u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 229/2013 u (UE) Nru 1308/2013 fir-rigward tar-riżorsi u d-distribuzzjoni tagħhom fis-sena 2021 u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013, (UE) Nru 1306/2013 u (UE) Nru 1307/2013 fir-rigward tar-riżorsi u l-applikazzjoni tagħhom fis-sena 2021¹

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) u l-Artikolu 349 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew²,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni³,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

¹ Dan it-test għadu soġġett għal eżami legali u tekniku.

² ĠU C , , p. .

³ ĠU C , , p. .

Billi⁴:

- (1) Il-proposti leġislattivi tal-Kummissjoni⁵ dwar il-politika agrikola komuni (PAK) wara l-2020 kellhom l-għan li jagħmlu l-PAK aktar reattiva għall-isfidi attwali u futuri bħat-tibdil fil-klima jew it-tiġdid ġenerazzjonali, filwaqt li jkomplu jappoġġaw lill-bdiewa fl-Unjoni għal settur agrikolu sostenibbli u kompetittiv. Dawn il-proposti huma marbuta mill-qrib mal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) tal-Unjoni għas-snin 2021 sal-2027.
- (2) Il-Kummissjoni pproponiet li torbot il-PAK mal-implimentazzjoni tal-prestazzjoni ("mudell ta' implimentazzjoni"). Skont il-qafas legali l-ġdid, l-Unjoni trid tistabbilixxi l-parametri bażiċi tal-politika, bħall-objettivi tal-PAK u r-rekwiżiti bażiċi, filwaqt li l-Istati Membri jridu jerfġu responsabbiltà akbar fir-rigward ta' kif jilħqu l-objettivi u jiksbu l-miri. Għalhekk, l-Istati Membri jridu jfasslu Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, li jridu jiġu approvati mill-Kummissjoni u implimentati mill-Istati Membri.
- (3) Il-proċedura leġislattiva ma ġietx konklużiva fil-ħin biex tippermetti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jħejju l-elementi kollha meħtieġa biex japplikaw il-qafas legali l-ġdid u l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK mill-1 ta' Jannar 2021, kif kien propost inizjalment mill-Kummissjoni.

⁴ Il-premessi kollha ser jiġu riveduti qabel il-Kunsill AGRIFISH fit-23 ta' Marzu biex jinġiebu konsistenti mal-artikoli.

⁵ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, COM(2018) 392 final - 2018/0216 (COD); Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013, COM(2018)393 final - 2018/0217 (COD); Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli, (UE) Nru 1151/2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel, (UE) Nru 251/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, it-tikkettar u l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-prodotti tal-inbid aromatizzati, (UE) Nru 228/2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni u (UE) Nru 229/2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura favur il-gżejjer minuri fil-Baħar Eġew, COM(2018)394 final/2.

- (4) Għalhekk, sabiex jiġi żgurat li jista' jingħata appoġġ lill-bdiewa u lil benefiċjarji oħra mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) fl-2021, l-Unjoni jenħtieġ li tkompli tagħti tali appoġġ għal sena oħra skont il-kundizzjonijiet tal-qafas legali eżistenti, li jkopri l-perijodu mill-2014 sal-2020. Il-qafas legali eżistenti huwa stabbilit b'mod partikolari fir-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013⁶, (UE) Nru 1305/2013⁷, (UE) Nru 1306/2013⁸, (UE) Nru 1307/2013⁹, (UE) Nru 1308/2013¹⁰, (UE) Nru 228/2013¹¹ u (UE) Nru 229/2013¹² tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Barra minn hekk, biex tiġi ffaċilitata t-transizzjoni minn skemi ta' appoġġ eżistenti għall-qafas legali l-ġdid li jkopri l-perijodu li jibda mill-1 ta' Jannar 2022, jenħtieġ li jiġu stipulati regoli li jirregolaw kif ċertu appoġġ mogħti fuq bażi pluriennali ser jiġi integrat fil-qafas legali l-ġdid.

-
- ⁶ Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).
- ⁷ Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 487).
- ⁸ Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).
- ⁹ Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 608).
- ¹⁰ Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).
- ¹¹ Regolament (UE) Nru 228/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 247/2006 (ĠU L 78, 20.3.2013, p. 23).
- ¹² Regolament (UE) Nru 229/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura favur il-gżejjer minuri fil-Baħar Eġew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1405/2006 (ĠU L 78, 20.3.2013, p. 41).

- (5) Fid-dawl tal-fatt li l-Unjoni jenħtieġ li tkompli tappoġġa l-iżvilupp rurali fl-2021, l-Istati Membri, li juru r-riskju li jispiċċawhom il-fondi u li ma jkunux jistgħu jwettqu impenji legali ġodda skont ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013, jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jestendu l-programmi ta' żvilupp rurali tagħhom jew uħud mill-programmi ta' żvilupp rurali reġjonali tagħhom appoġġati mill-FAEŻR sal-31 ta' Diċembru 2021 u li jiffinanzjaw dawn il-programmi estiżi mill-allokazzjoni baġitarja korrispondenti għas-sena 2021. Jenħtieġ li l-programmi estiżi jkollhom l-għan li jżommu tal-anqas l-istess [...] ambizzjoni ambjentali u klimatika.
- (6) Peress li ċerti Stati Membri jista' jkun għad għandhom fondi pprovduti mill-Unjoni fis-snin ta' qabel, l-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom ukoll il-possibbiltà li ma jestendux il-programmi ta' żvilupp rurali tagħhom jew li ma jestendux uħud mill-programmi ta' żvilupp rurali reġjonali tagħhom. Dawn l-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jittrasferixxu l-allokazzjoni baġitarja tal-FAEŻR għall-2021 jew il-parti tal-allokazzjoni baġitarja tal-FAEŻR li tikkorrispondi għall-programmi ta' żvilupp reġjonali rurali li ma jkunux ġew estiżi, għall-allokazzjonijiet finanzjarji għas-snin mill-2022 sal-2025, f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (UE) .../... [Regolament li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027]¹³.
- (7) Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tipprovdi l-ippjanar finanzjarju meħtieġ u l-aġġustamenti korrispondenti tat-tqassim annwali tal-appoġġ tal-Unjoni stabbilit fl-Anness tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013, l-Istati Membri jenħtieġ li jinfurmaw lill-Kummissjoni malajr wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jekk jiddeċiedu li jestendu l-programmi ta' żvilupp rurali tagħhom u, fil-każ ta' programmi ta' żvilupp rurali reġjonali, liema minn dawn il-programmi jiddeċiedu li jestendu, u konsegwentement, liema ammont korrispondenti tal-allokazzjoni baġitarja għall-2021 ma jridx jiġi ttrasferit għas-snin ta' wara.

¹³ Ir-Regolament dwar il-QFP ĠU L , , p. .

- (8) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 jistipula regoli komuni applikabbli għall-FAEŻR u għal ċerti Fondi oħrajn, li joperaw taħt qafas komuni. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkompli japplika għall-programmi appoġġati mill-FAEŻR għall-perijodu ta' programmazzjoni 2014-2020 kif ukoll għal dawk il-programmi appoġġati mill-FAEŻR li għalihom l-Istati Membri jiddeċiedu li jestendu dan il-perijodu sal-31 ta' Diċembru 2021. Għal dawn l-Istati Membri, il-Ftehim ta' Sħubija mfassal għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020 f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 jenħtieġ li jibqa' jintuża bħala dokument strateġiku mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-appoġġ mogħti mill-FAEŻR għas-sena ta' programmazzjoni 2021.
- (9) Ċerti skadenzi stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward tar-rapporti ta' implimentazzjoni, tal-laqgħat annwali ta' rieżami, tal-evalwazzjonijiet ex post u tar-rapporti ta' sinteżi, tal-eliġibbiltà tan-nefqa u d-diżimpenn kif ukoll tal-impenji baġitarji huma limitati għall-perijodu ta' programmazzjoni 2014-2020. Dawn l-iskadenzi jenħtieġ li jiġu adattati biex jitqies it-tul ta' żmien estiż tal-perijodu li matulu jistgħu jiġu implimentati l-programmi relatati mal-appoġġ mill-FAEŻR.

- (10) Ir-Regolament (UE) Nru 1310/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁴ u r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 807/2014¹⁵ jipprevedu li n-nefqa għal ċerti impenji fit-tul meħuda skont ċerti regolamenti li taw appoġġ għall-iżvilupp rurali qabel ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013, jenħtieġ li tibqa' titħallas mill-FAEŻR fil-perijodu ta' programmazzjoni 2014-2020 taħt ċerti kundizzjonijiet. Din in-nefqa jenħtieġ li tkompli tkun eliġibbli wkoll għat-tul tal-impenn legali rispettiv tagħhom bl-istess kundizzjonijiet fis-sena ta' programmazzjoni 2021. Għal raġunijiet ta' ċarezza u ċertezza legali, jenħtieġ li jiġi ċċarat ukoll li l-impenji legali meħuda skont miżuri li jikkorrispondu għall-miżuri tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013, li għalihom tapplika s-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll, jenħtieġ li jkunu soġġetti għal din is-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll u li l-pagamenti relatati ma' dawn l-impenji legali jridu jsiru fil-perijodu mill-1 ta' Diċembru sat-30 ta' Ġunju tas-sena kalendarja ta' wara.
- (11) Għal raġunijiet ta' koerenza ma' Fondi oħra regolati mir-Regolament (UE) XXXX/XXXX [RDK ġdid tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill]¹⁶, il-FAEŻR jenħtieġ li jkun f'pożizzjoni li jappoġġa l-iżvilupp lokali mmexxi mill-Komunità stabbilit f'konformità mar-regoli l-ġodda stabbiliti minn dak ir-Regolament.

¹⁴ Regolament (UE) Nru 1310/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi ċerti dispożizzjonijiet transitorji dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-riżorsi u d-distribuzzjoni tagħhom fir-rigward tas-sena 2014 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1307/2013, (UE) Nru 1306/2013 u (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-applikazzjoni tagħhom fis-sena 2014 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 865).

¹⁵ Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 807/2014 tal-11 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jintroduċi dispożizzjonijiet transitorji (ĠU L 227, 31.7.2014, p. 1).

¹⁶ Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [*titolu sħiħ*] (ĠU L ..., ..., p. ...).

- (12) Fl-allokazzjoni tad-drittijiet għall-pagament (jew fil-kalkolu mill-ġdid għall-Istati Membri li jżommu d-drittijiet eżistenti) fl-2015 skont ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013, xi Stati Membri għamlu żbalji fl-istabbiliment tan-numru jew tal-valur tad-drittijiet għall-pagament. Ħafna minn dawn l-iżbalji, anke meta seħħew għal bidwi wieħed, jinfluwenzaw il-valur tad-drittijiet għall-pagament għall-bdiewa kollha u għas-snin kollha. Xi Stati Membri għamlu żbalji anke wara l-2015, meta allokaw drittijiet mir-riżerva (eż. fil-kalkolu tal-valur medju). Normalment, dawn in-nuqqasijiet ta' konformità jkunu soġġetti għal korrezzjoni finanzjarja sakemm jittieħdu miżuri korrettivi mill-Istat Membru kkonċernat. Fid-dawl taż-żmien li għadda mill-ewwel allokazzjoni, l-isforzi li għamlu l-Istati Membri biex jistabbilixxu, u fejn rilevanti, jikkoreġu d-drittijiet, u anke fl-interess taċ-ċertezza legali, l-għadd u l-valur tad-drittijiet għall-pagament jenħtieġ li jitqiesu bħala legali u regolari b'effett minn ċerta data.
- (13) Madankollu, il-konferma tad-drittijiet għall-pagament ma tirrappreżentax eżenzjoni mir-responsabbiltà tal-Istati Membri taħt il-ġestjoni kondiviża tal-FAEG biex jiżguraw il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni minn nefqa irregolari. Għalhekk, il-konferma tad-drittijiet għall-pagament allokati lill-bdiewa qabel l-1 ta' Jannar 2020, mill-1 ta' Jannar 2021, jenħtieġ li ma tippreġudikax is-setgħa tal-Kummissjoni li tieħu d-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 b'rabta ma' pagamenti irregolari mogħtija fir-rigward ta' kwalunkwe sena kalendarja sal-2020, bit-tali sena inkluża, li jirriżultaw minn żbalji fl-għadd jew fil-valur ta' dawn id-drittijiet għall-pagament.
- (14) Fid-dawl tal-fatt li l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK li għandhom jitħejjew mill-Istati Membri skont il-qafas legali l-ġdid għandhom ikunu applikabbli mill-1 ta' Jannar 2022, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli tranżizzjonali biex jirregolaw it-transizzjoni minn skemi ta' appoġġ eżistenti għall-qafas legali l-ġdid, b'mod partikolari r-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁷ [ir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK].

¹⁷ Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [*Pjan Strateġiku tal-PAK*] (ĠU L ..., ..., p. ...).

- (15) Ċerta nefqa għal ċerti impenji fit-tul meħuda skont ir-Regolamenti li taw appoġġ għall-iżvilupp rurali qabel ir-Regolament (UE) 1305/2013 kienet għadha eliġibbli fil-perijodu ta' programmazzjoni 2014-2020. Bl-eċċezzjoni ta' każijiet fejn ikun għadha ż-żmien ta' dawn l-impenji fit-tul, din in-nefqa jenħtieġ li tibqa' eliġibbli matul il-perijodu kopert mill-Pjan Strateġiku tal-PAK għat-tul ta' żmien tal-impenji legali rispettivi soġġetti għar-rata ta' kontribuzzjoni applikabbli f'dan il-perijodu u diment li tiddaħħal fil-Pjan Strateġiku tal-PAK u li n-nefqa titħallas skont ir-Regolament (UE) [Ir-Regolament Orizzontali]. L-istess jenħtieġ li japplika għal ċerti impenji fit-tul meħuda skont ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 jew ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013. F'dan il-kuntest jenħtieġ li jiġi ċċarat li l-impenji legali meħuda skont miżuri li jikkorrispondu għal tipi ta' interventi bbażati fuq iż-żona u l-annimal iddeterminati fil-Pjan Strateġiku tal-PAK jenħtieġ li jkunu soġġetti għas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll u li l-pagamenti relatati ma' dawn l-impenji legali jridu jsiru fil-perijodu mill-1 ta' Diċembru sat-30 ta' Ġunju tas-sena kalendarja ta' wara.
- (16) Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jistipula regoli għall-organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli u jinkludi ċerti skemi ta' għajjnuna fl-Artikoli 29 sa 60. Dawn l-iskemi ta' għajjnuna jenħtieġ li jiġu integrati fil-Pjanijiet Strateġiċi futuri tal-PAK tal-Istati Membri bħala interventi settorjali msemija fil-punti (a) sa (e) tal-Artikolu 39 tar-Regolament (UE) .../... [ir-Regolament tal-Pjan Strateġiku tal-PAK]. Biex jiġu żgurati l-koerenza, il-kontinwità u t-transizzjoni bla xkiel bejn dawk l-iskemi ta' għajjnuna tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u t-tipi ta' interventi settorjali tar-Regolament (UE) .../... [ir-Regolament tal-Pjan Strateġiku tal-PAK], jenħtieġ li jiġu stipulati regoli dwar it-tul ta' żmien ta' kull waħda minn dawk l-iskemi ta' għajjnuna fir-rigward tad-data minn meta l-Pjanijiet Strateġiċi futuri tal-PAK tal-Istati Membri jkollhom effetti legali.
- (17) Fir-rigward tal-iskema ta' għajjnuna fis-settur taż-żejt taż-żebbuġa u taż-żebbuġ tal-mejda, il-programmi ta' ħidma eżistenti mfassla għall-perijodu li jibda mill-1 ta' April 2018 sal-31 ta' Marzu 2021 jenħtieġ li jiġu estenzi sal-31 ta' Diċembru 2021. Għal skemi ta' għajjnuna fis-settur tal-frott u l-ħxejjex jenħtieġ li jiġu stipulati regoli dwar il-modifika jew is-sostituzzjoni ta' programmi operattivi.

- (18) Bil-ħsieb li tiġi żgurata l-kontinwità fir-rigward tal-iskemi ta' għajnuna fis-settur tal-inbid u s-settur tal-apikultura, jeħtieġ li jiġu stipulati regoli li jippermettu li dawn l-iskemi ta' għajnuna jkomplu jiġu implimentati sa tmiem il-perijodi ta' programmazzjoni rispettivi tagħhom. Għalhekk, għal dan il-perijodu, ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 jenħtieġ li jkomplu japplikaw fir-rigward tan-nefqa mġarrba u l-pagamenti li jsiru għall-operazzjonijiet implimentati skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 wara l-31 ta' Diċembru 2021 u sa tmiem dawk l-iskemi ta' għajnuna.
- (19) Sabiex jiġi limitat it-trasferiment sinifikanti ta' impenji mill-perjodu ta' programmazzjoni attwali għall-iżvilupp rurali għall-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, it-tul tal-impenji pluriennali ġodda fir-rigward tal-klima agroambjentali, tal-biedja organika u tat-**trattament xieraq tal-annimali** [...] jenħtieġ li jkun limitat għal perjodu massimu ta' tliet snin. Jenħtieġ li l-estensjoni tal-impenji eżistenti tkun limitata għal sena.
- (20) Il-FAEŻR jenħtieġ li jkun f'pożizzjoni li jappoġġa l-iżvilupp lokali mmexxi mill-Komunità stabbilit f'konformità mar-regoli l-ġodda stipulati mir-Regolament (UE) XXXX/XXXX [RDK ġdid]. Madankollu, sabiex jiġu evitati fondi mhux minfuqa għall-iżvilupp lokali mmexxi mill-Komunità fis-sena ta' programmazzjoni 2021, l-Istati Membri li jiddeċiedu li jestendu l-programmi tal-iżvilupp rurali tagħhom sal-31 ta' Diċembru 2021 u li jużaw ukoll il-possibbiltà li jittrasferixxu l-ammonti minn pagamenti diretti għall-iżvilupp rurali, jenħtieġ li jkunu jistgħu japplikaw l-allokazzjoni minima ta' 5 % għall-iżvilupp lokali mmexxi mill-Komunità biss għall-kontribuzzjoni tal-FAEŻR għall-iżvilupp rurali estiż sal-31 ta' Diċembru 2021 ikkalkulat qabel ma jkun sar it-trasferiment tal-ammonti mill-pagament dirett.
- (21) Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità fil-perijodu tranżizzjonali, jenħtieġ li tinżamm ir-riżerva għall-kriżijiet fis-settur agrikolu għall-2021 u jenħtieġ li jiġi inkluż l-ammont rilevanti tar-riżerva għall-2021.
- (22) Fir-rigward tal-arranġamenti ta' prefinanzjament mill-FAEŻR, jenħtieġ li jiġi ċċarat li fejn l-Istati Membri jiddeċiedu li jestendu l-perijodu 2014-2020 sal-31 ta' Diċembru 2021, dan jenħtieġ li ma jwassalx għal xi prefinanzjament addizzjonali mogħti għall-programmi kkonċernati.

- (23) L-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 bħalissa jipprevedi biss l-obbligu ta' notifika għall-Istati Membri fir-rigward tad-deċiżjonijiet tagħhom u l-prodott stmat relatat mat-tnaqqis tal-parti tal-ammont ta' pagamenti diretti li għandhom jingħataw lil bidwi għal sena kalendarja partikolari li jaqbeż EUR 150 000 għas-snin 2015 sal-2020. Bil-għan li tiġi żgurata kontinwazzjoni tas-sistema eżistenti, l-Istati Membri jenħtieġ li jinnotifikaw ukoll id-deċiżjonijiet tagħhom u l-prodott stmat tat-tnaqqis għas-sena kalendarja 2021.
- (24) L-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 jippermetti lill-Istati Membri jittrasferixxu fondi bejn il-pagamenti diretti u l-iżvilupp rurali fir-rigward tas-snin kalendarji 2014 sal-2020. Sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri jkunu jistgħu jżommu l-istrateġija tagħhom stess, il-flessibbiltà bejn il-pilastri jenħtieġ li ssir disponibbli wkoll għas-sena kalendarja 2021 (jiġifieri s-sena finanzjarja 2022).
- (25) Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tistabbilixxi l-limiti massimi baġitarji skont l-Artikoli 22(1), 36(4), 42(2), 47(3), 49(2), 51(4) u 53(7) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, huwa meħtieġ li l-Istati Membri jinnotifikaw id-deċiżjonijiet tagħhom dwar l-allokazzjonijiet finanzjarji skont l-iskema għas-sena kalendarja 2021 sa [...] **lji/xx** 2020¹⁸.
- (26) L-Artikolu 22(5) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 jipprevedi aġġustament lineari tal-valur tad-drittijiet f'każ ta' bidla fil-limitu massimu għall-iskema ta' pagament bażiku minn sena għall-oħra minħabba ċerti deċiżjonijiet meħuda mill-Istati Membri u li jaffettwaw il-limitu massimu għall-iskema ta' pagament bażiku. L-estensjoni tal-Anness II ta' dak ir-Regolament dwar il-limiti massimi nazzjonali wara s-sena kalendarja 2020 u l-bidliet annwali possibbli minn din id-data jista' jkollhom impatt fuq il-limitu massimu għall-iskema ta' pagament bażiku. Għalhekk, biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jirrispettaw l-obbligu li t-total tal-valur tad-drittijiet u r-riżerva/i jkun ugħali għall-limitu massimu għall-iskema ta' pagament bażiku stipulata fl-Artikolu 22(4) ta' dak ir-Regolament, huwa xieraq li jiġi previst aġġustament lineari biex jadatta għall-estensjoni tal-Anness II jew għall-bidliet fih matul il-perijodu tranżizzjonali. Barra minn hekk, sabiex tiġi pprovduta flessibbiltà akbar lill-Istati Membri, jidher li huwa xieraq li l-Istati Membri jitħallew jadattaw il-valur tad-drittijiet jew tar-riżerva, possibbilment b'rati differenti ta' aġġustament.

¹⁸ **Din għandha tiġi aġġustata skont iż-żmien li fih x'aktarx ikun adottat dan ir-regolament.**

- (27) F'konformità mal-qafas legali attwali, l-Istati Membri fl-2014 innotifikaw id-deċiżjonijiet tagħhom sas-sena kalendarja 2020, dwar id-diviżjoni tal-limitu massimu nazzjonali annwali għall-iskema ta' pagament bażiku bejn ir-reġjuni u l-modifiki progressivi annwali possibbli għall-perijodu kopert mir-Regolament (UE) Nru 1307/2013. Huwa meħtieġ li l-Istati Membri jinnotifikaw ukoll daww id-deċiżjonijiet għas-sena kalendarja 2021.
- (28) Il-mekkaniżmu ta' konverġenza interna huwa l-proċess ewlieni għal distribuzzjoni aktar ekwa ta' appoġġ dirett għad-dħul fost il-bdiewa. Differenzi individwali sinifikanti bbażati fuq referenzi storiċi antiki jsiru aktar u aktar diffiċli biex jiġu ġġustifikati. Fir-Regolament (UE) Nru 1307/2013, il-mudell bażiku ta' konverġenza interna jikkonsisti fl-applikazzjoni mill-Istati Membri ta' rata fissa uniformi għad-drittijiet għall-pagament kollha, fil-livell nazzjonali jew reġjonali, mill-2015. Madankollu, għall-finijiet tal-iżgurar ta' transizzjoni aktar bla xkiel għal valur uniformi, ġiet stabbilita deroga li tippermetti lill-Istati Membri jiddifferenzjaw il-valuri tad-drittijiet għall-pagament billi japplikaw konverġenza parzjali, li tissejjaħ ukoll il-"mudell mina", bejn l-2015 u l-2019. Xi Stati Membri għamlu użu minn din id-deroga. Sabiex jitkompla l-proċess lejn distribuzzjoni aktar ekwa tal-pagamenti diretti, l-Istati Membri jistgħu jikkonverġu aktar lejn medja nazzjonali jew reġjonali wara l-2019 minflok ma jmorru għal rata fissa uniformi jew iżommu l-valur tad-drittijiet fil-livell tagħhom tal-2019. Dawn jenħtieġ li jinnotifikaw kull sena d-deċiżjoni tagħhom għas-sena ta' wara.

- (29) L-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 jipprevedi l-modifiki progressivi annwali fil-valur tad-drittijiet għall-pagament allokat mir-riżerva biex jirriflettu l-passi annwali tal-limitu massimu nazzjonali stabbilit fl-Anness II ta' dak ir-Regolament, li jirriflettu l-ġestjoni "pluriennali" tar-riżerva. Dawk ir-regoli jenħtieġ li jiġu adattati sabiex jirriflettu li huwa possibbli li jiġu emendati kemm il-valur tad-drittijiet allokat kollha kif ukoll tar-riżerva biex jaġġustaw għal bidla fl-ammont f'dak l-Anness II bejn sentejn. Barra minn hekk, f'xi Stati Membri li ma laħqux rata fissa sal-2019, il-konverġenza interna tiġi implimentata fuq bażi annwali. Għas-snin kalendarji 2020 u 2021, il-valur tad-drittijiet għall-pagament tas-sena attwali biss jeħtieġ li jiġi ddeterminat fis-sena tal-allokazzjoni. Il-valur tal-unità tad-drittijiet li jridu jiġu allokat mir-riżerva f'sena partikolari jenħtieġ li jiġi kkalkulat wara aġġustament possibbli tar-riżerva f'konformità mal-Artikolu 22(5) ta' dak ir-Regolament. Fi kwalunkwe sena sussegwenti, il-valur tad-drittijiet għall-pagament allokat mir-riżerva jenħtieġ li jiġi adattat f'konformità ma' dak l-Artikolu 22(5).
- (30) L-Artikolu 36 tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 jipprevedi l-applikazzjoni tal-iskema ta' pagament uniku skont l-erja sal-31 ta' Diċembru 2020. Ir-Regolament tal-Pjan Strateġiku tal-PAK (UE) .../... [Ir-Regolament tal-Pjan Strateġiku tal-PAK] jippermetti lill-Istati Membri jimplimentaw appoġġ għall-introjt bażiku bl-istess modalitajiet, jiġifieri mingħajr l-allokazzjoni ta' drittijiet għall-pagament abbażi ta' referenzi storiċi. Għalhekk, huwa xieraq li fl-2021 l-iskeda ta' pagament uniku skont l-erja tkun tista' tiġi estiża.
- (31) Għall-finijiet ta' ċertezza legali, jenħtieġ li jiġi ċċarat li l-Artikoli 41 u 42 tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 jippermettu lill-Istati Membri jirrieżaminaw, fuq bażi annwali, id-deċiżjonijiet tagħhom dwar il-pagament ridistributtiv.

- (31a) L-Artikolu 52(10) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni tadotta atti delegati li jippermettu lill-Istati Membri jiddeċiedu li l-appoġġ akkoppiat volontarju jista' jkompli jitħallas sal-2020 fuq il-bażi tal-unitajiet tal-produzzjoni li għalihom ingħata tali appoġġ f'perijodu ta' referenza fl-imgħoddi. Dan għandu l-għan li jiżgura l-akbar konsistenza possibbli bejn l-iskemi tal-Unjoni mmirati lejn setturi li jistgħu jintlaqtu mill-iżbilanċi strutturali fis-suq. Għalhekk huwa xieraq li din is-setgħa tingħata għal aktar żmien sabiex tkopri wkoll is-sena 2021.**
- (32) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013, (UE) Nru 1306/2013, (UE) Nru 1307/2013, (UE) Nru 1308/2013, (UE) Nru 228/2013 u (UE) Nru 229/2013 jiġu emendati kif xieraq.
- (33) Fir-rigward tal-kjarifika dwar il-konverġenza mis-sena 2020, il-punt 6 tal-Artikolu 10 jenħtieġ li japplika b'mod retroattiv mill-1 ta' Jannar 2020.
- (34) Barra minn hekk, l-emendi għar-Regolamenti (UE) Nru 228/2013 u (UE) Nru 229/2013 jenħtieġ li japplikaw mill-1 ta' Jannar 2021 f'konformità mar-Regolament (UE) .../...[Regolament li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027],

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Titolu I

Dispożizzjonijiet transizzjonali

Kapitolu I

Applikazzjoni kontinwa tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 għas-sena ta' programmazzjoni 2021 u l-estensjoni ta' ċerti perijodi skont ir-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013 u (UE) Nru 1310/2013

Artikolu 1¹⁹

Estensjoni tal-perijodu għall-programmi appoġġati mill-FAEŻR

1. Għall-programmi appoġġati mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), l-Istati Membri li qegħdin f'riskju, minħabba n-nuqqas ta' riżorsi finanzjarji, li ma jkunux jistgħu jwettqu impenji legali ġodda f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1305/2013, jistgħu jestendu l-perijodu stipulat fl-Artikolu 26(1) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 sal-31 ta' Diċembru 2021.

L-Istati Membri li jiddeċiedu li jużaw il-possibbiltà pprovduta fl-ewwel subparagrafu għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bid-deċizzjoni tagħhom fi żmien **(10)**²⁰ ijiem wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Fejn l-Istati Membri jkun ppreżentaw sett ta' programmi reġjonali f'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013, dik in-notifika għandha tinkludi wkoll tagħrif dwar liema mill-programmi reġjonali jridu jiġu estenzi u dwar l-allokazzjoni baġitarja korrispondenti fit-tqassim annwali għas-sena 2021 kif stipulat fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013.

¹⁹ **Il-fatt li l-emenda għall-Pjan ta' Żvilupp Rurali ma għandhiex tgħodd bħala emenda fir-rigward tal-għadd massimu ta' emendi għall-programm stabbiliti abbażi tal-Artikolu 12 tar-Regolament 1305/2013 fir-Regolament 808/2014 ser tiġi solvuta permezz ta' emenda għar-Regolament 808/2014. Dan huwa validu bl-istess mod għall-iskadenza għall-preżentazzjoni lill-Kummissjoni ta' emendi għall-programm fir-Regolament 808/2014.**

²⁰ **Din għandha tiġi diskussa fi stadju aktar tard jekk ikun hemm kwalunkwe marġini għall-estensjoni ta' din l-iskadenza.**

Fejn il-Kummissjoni tqis li estensjoni tal-perijodu skont l-ewwel subparagrafu ma tkunx [...] ġustifikata, din għandha tinforma lill-Istat Membru tagħha fi żmien [...] **3** ġimgħat minn meta tirċievi n-notifika msemija fit-tieni subparagrafu. **F'dak il-każ, l-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Kummissjoni fi żmien 3 ġimgħat jekk jirtirax id-deċiżjoni tiegħu jew iżommhiex, waqt li jagħti r-raġunijiet tiegħu għaliha.**

In-notifika msemija fit-tieni subparagrafu għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-hteġa li titressaq talba biex jiġi emendat programm ta' żvilupp rurali għas-sena 2021 kif imsemmi fl-Artikolu 11 [...] (a) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013. Din l-emenda għandu jkollha l-għan li żżomm tal-anqas l-istess [...] **sehem** ġenerali [...] tal-**kontribuzzjoni** tal-FAEŻR **riservata** għall-miżuri msemija fl-Artikolu 59(6) ta' dak ir-Regolament.

2. Għall-Istati Membri li ma jiddeċidux li jużaw il-possibbiltà prevista fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Artikolu [8] tar-Regolament (UE) .../[Regolament li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027] għandu japplika għall-allokazzjoni mhux użata għas-sena 2021 kif stabbilit fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013.

Fejn Stat Membru jiddeċiedi li juża l-possibbiltà prevista fil-paragrafu 1 biss fir-rigward ta' ċerti programmi reġjonali, l-allokazzjoni msemija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandha tkun l-ammont stabbilit għal dak l-Istat Membru għall-2021 fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 imnaqqas bl-allokazzjonijiet baġitarji nnotifikati f'konformità mat-**tieni** [...] subparagrafu tal-paragrafu **1** [...] għall-programmi reġjonali li jiġu estiżi.

Artikolu 2

Applikazzjoni kontinwa tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 għall-programmi appoġġati mill-FAEŻR

1. Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 għandu jkompli japplika għal programmi appoġġati mill-FAEŻR skont il-perijodu ta' programmazzjoni 2014-2020 u għall-programmi li għalihom l-Istati Membri jiddeċiedu li jestendu l-perijodu 2014-2020 f'konformità mal-Artikolu 1(1) ta' dan ir-Regolament.
2. Għall-programmi li għalihom l-Istati Membri jiddeċiedu li jestendu l-perijodu 2014-2020 f'konformità mal-Artikolu 1(1) ta' dan ir-Regolament, ir-referenzi għall-perijodi taż-żmien jew l-iskadenzi fl-Artikoli 50(1), 51(1), 57(2), 65(2) u (4), u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 76 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 għandu jiġi estiż b'sena oħra.
- 2a. **Għal programmi li l-Istati Membri jiddeċiedu li jestendulhom il-perijodu 2014-2020 skont l-Artikolu 1(1) ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jemendaw il-miri tagħhom stabbiliti fil-kuntest tal-qafas ta' prestazzjoni li jinsab fl-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 li jistabbilixxi l-miri għall-2024. Għal dawn il-programmi, ir-referenzi għall-miri għall-2023 fl-atti ta' implimentazzjoni adottati abbażi tal-Artikolu 22(7) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 jew abbażi tal-Artikoli 8(3), 67, 75(5) u 76(1) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013, għandhom jinqraw bħala referenzi għall-miri għall-2024.**
3. Għall-Istati Membri li jiddeċiedu li jestendu l-perijodu 2014-2020 f'konformità mal-Artikolu 1(1) ta' dan ir-Regolament, il-Ftehim ta' Sħubija mfassal għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020 f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 għandu jibqa' jintuża bħala dokument strateġiku mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-appoġġ mogħti mill-FAEŻR għas-sena 2021.
4. Id-data finali sa meta l-Kummissjoni trid tipprepara rapport ta' sinteżi li jispjega l-konklużjonijiet ewlenin tal-evalwazzjonijiet ex post tal-FAEŻR stabbiliti fl-Artikolu 57(4) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 għandha tkun il-31 ta' Diċembru 2026.

Artikolu 3

Eliġibbiltà ta' ċerti tipi ta' nfiq fl-2021

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 65(2) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, għall-Artikolu 2(2) ta' dan ir-Regolament u għall-Artikolu 38 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, in-nefqa msemija fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1310/2013 u fl-Artikolu 16 tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 807/2014, għandha tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni tal-FAEŻR mill-allokazzjoni tal-2021 għal programmi appoġġati mill-FAEŻR li għalihom l-Istati Membri jiddeċiedu li jestendu l-perijodu tal-2014-2020 f'konformità mal-Artikolu 1(1) ta' dan ir-Regolament, soġġett għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) tali nefqa tkun prevista fil-programm rispettiv tal-iżvilupp rurali għall-2021;
- (b) hija applikabbli r-rata ta' kontribuzzjoni tal-FAEŻR tal-miżura korrispondenti skont ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013, kif stabbilita fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1310/2013 u fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 807/2014;
- (c) is-sistema msemija fl-Artikolu 67(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tapplika għall-impenji legali meħuda taħt miżuri li jikkorrispondu għall-appoġġ mogħti skont il-punti (a) u (b) tal-Artikolu 21(1) u l-Artikoli 28 sa 31, 33, 34 u 40 ta[...]r-Regolament **(UE) Nru 1305/2013** u l-operazzjonijiet rilevanti jiġu identifikati b'mod ċar; u
- (d) il-pagamenti għall-impenji legali msemija fil-punt (c) isiru fil-perijodu stabbilit fl-Artikolu 75 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

Kapitolu II

Applikazzjoni tal-Artikoli 25 sa 28 tar-Regolament (UE) [RDK ĠDID] għas-sena ta' programmazzjoni 2021

Artikolu 4

Żvilupp lokali mmexxi mill-Komunità

Għall-programmi appoġġati mill-FAEŻR fil-perijodu 2014-2020 u għall-programmi li għalihom l-Istati Membri jiddeċiedu li jestendu l-perijodu 2014-2020 skont l-Artikolu 1(1) ta' dan ir-Regolament, il-FAEŻR jista' jappoġġa:

- (a) żvilupp lokali ffinanzjat minn diversi fondi u mmexxi mill-Komunità f'konformità mal-Artikoli 25 u 28 tar-Regolament (UE) [RDK ĠDID]; u
- (b) il-bini tal-kapaċità u l-azzjonijiet ta' thejjiha li jappoġġaw id-disinn u l-implimentazzjoni futura tal-istrateġiji lokali mmexxija mill-komunità f'konformità mal-Artikoli 28(1)(a) tar-Regolament (UE) [RDK ĠDID].

Kapitolu III

Drittijiet għall-pagament għal pagamenti diretti lill-bdiewa

Artikolu 5

Drittijiet għall-pagament definittivi

1. Id-drittijiet għall-pagament allokat lill-bdiewa qabel l-1 ta' Jannar 2020 għandhom jitqiesu legali u regolari mill-1 ta' Jannar 2021. Il-valur ta' dawn id-drittijiet li għandhom jitqiesu bħala legali u regolari għandu jkun il-valur għas-sena kalendarja 2020 validu fil-31 ta' Diċembru 2020. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-Artikoli rilevanti tad-dritt tal-Unjoni dwar il-valur tad-drittijiet għall-pagament għas-snin kalendarji 2021 'il quddiem, b'mod partikolari l-Artikoli 22(5) u 25(12) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal drittijiet għall-pagament allokati lill-bdiewa abbażi ta' applikazzjonijiet fattwalment skorretti, ħlief f'każijiet fejn l-iżball ma setax jiġi raġonevolment identifikat mill-bidwi.
3. Il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandux jippreġudika s-setgħa tal-Kummissjoni li tiegħu d-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 b'rabta man-nefqa mġarrba għall-pagamenti mogħtija fir-rigward tas-snin kalendarji sal-2020, b'tali sena inkluża.

Kapitolu IV

[...]

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali relatati mar-Regolament (UE) Nru 1305/2013

Artikolu 6

Eliġibbiltà tan-nefqa mġarrba skont ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013

In-nefqa relatata ma' impenji legali għal beneficijarji mġarrba skont ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tista' tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni mill-FAEŻR fil-perijodu 2022-2027 mill-1 ta' Jannar 2022, soġġett għall-kondizzjonijiet li għandhom jiġu determinati f'konformità mal-qafas legali tal-PAK applikabbli fil-perijodu 2022-2027.

[...]

[...] ²¹

²¹ [...].

[...]

(c) [...]

(d) [...]

TAQSIMA 2

[...]

[...]

[...]

[...]

Titolu II Emendi

Artikolu 8

Emendi għar-Regolament (UE) Nru 1305/2013

Ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 28(5), jiżdied it-tieni subparagrafu li ġej:

"Sabiex jittieħdu impenji ġodda mill-2021, l-Istati Membri għandhom jiddeterminaw perijodu iqsar ta' bejn sena u tliet **snin** fil-programmi ta' żvilupp rurali tagħhom. Jekk l-Istati Membri jipprevedu estensjoni annwali tal-impenji wara t-terminazzjoni tal-perijodu inizjali f'konformità mal-ewwel subparagrafu, mill-2021 l-estensjoni ma għandhiex iddum aktar minn sena. Mill-2021, fir-rigward ta' impenji ġodda li jsegwu direttament impenn imwettaq fil-perijodu inizjali, l-Istati Membri għandhom jiddeterminaw perijodu ta' sena fil-programmi ta' żvilupp rurali tagħhom.

Permezz ta' deroga mill-ewwel u t-tielet sentenza tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 5, fir-rigward ta' impenji ġodda li għandhom jitwettqu mill-2021, l-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw perijodu itwal [...] fejn ġustifikat b'mod dovut abbażi tan-natura tal-impenji u l-oġettivi ambjentali-klimatiċi mfittxija.

- (2) fl-Artikolu 29(3), jiżdied it-tieni subparagrafu li ġej:

"Sabiex jittieħdu impenji ġodda mill-2021, l-Istati Membri għandhom jiddeterminaw perijodu iqsar ta' bejn sena u tliet snin fil-programmi ta' żvilupp rurali tagħhom. Jekk l-Istati Membri jipprevedu estensjoni annwali għaż-żamma tal-biedja organika wara t-terminazzjoni tal-perijodu inizjali f'konformità mal-ewwel subparagrafu, mill-2021 l-estensjoni ma għandhiex iddum aktar minn sena. Mill-2021, fir-rigward ta' impenji ġodda li jikkonċernaw iż-żamma li ssegwi direttament l-impenn imwettaq fil-perijodu inizjali, l-Istati Membri għandhom jiddeterminaw perijodu ta' sena fil-programmi ta' żvilupp rurali tagħhom.

Permezz ta' deroga mill-ewwel u t-tielet sentenza tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 3, fir-rigward ta' impenji ġodda li għandhom jitwettqu mill-2021, l-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw perijodu itwal [...] fejn ġustifikat b'mod dovut abbażi tan-natura tal-impenji u l-oġġetti ambjentali-klimatiċi mfittxija.";

- (3) fl-Artikolu 33(2) jiżdied it-tielet subparagrafu li ġej:

"Sabiex jittieħdu impenji ġodda mill-2021, l-Istati Membri għandhom jiddeterminaw perijodu iqsar ta' bejn sena u tliet snin fil-programmi ta' żvilupp rurali tagħhom. Jekk l-Istati Membri jipprevedu tiġdid annwali għall-impenji wara t-terminazzjoni tal-perijodu inizjali f'konformità mal-ewwel subparagrafu, mill-2021 it-tiġdid ma għandux idum aktar minn sena.";

- (4) fl-Artikolu 42, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Minbarra l-kompiti msemmija fl-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 u, fejn applikabbli kif imsemmija fl-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) [RDK ĠDID] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, il-gruppi ta' azzjoni lokali jistgħu wkoll iwettqu kompiti addizzjonali ddelegati lilhom mill-Awtorità ta' Ġestjoni u/jew l-aġenzija tal-pagamenti.

* Ir-Regolament (UE) [RDK ĠDID] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' [...] [...] (ĠU ...).";

(5) fl-Artikolu 44, is-sentenza introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"L-appoġġ imsemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 35(1) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 u, fejn applikabbli, kif imsemmi fl-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) [RDK ĠDID], għandu jingħata lil:";

(6) L-Artikolu 58 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, jiżdied it-tieni subparagrafu li ġej:

"Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 5, 6 u 7, l-ammont totali tal-appoġġ tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali taħt dan ir-Regolament għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2021 għandu jkun massimu ta' EUR [11 258 707 816], fi prezzijiet kurrenti, skont il-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027.";

(b) il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"7. Sabiex jittieħed kont tal-iżviluppi marbutin mat-tqassim annwali msemmi fil-paragrafu 4, inkluż it-trasferimenti msemmija fil-paragrafi 5 u 6 u t-trasferimenti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) XXXX/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* [Dan ir-Regolament], biex isiru aġġustamenti tekniċi mingħajr ma jinbidlu l-allokazzjonijiet ġenerali, jew biex jittieħed kont ta' kwalunkwe bidla oħra prevista minn att leġislattiv wara l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 83 ta' dan ir-Regolament, biex issir reviżjoni tal-limiti massimi stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

* Ir-Regolament (UE) [...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' [...] [...] (ĠU ...).";

(7) [...] L-Artikolu 59(5) huwa sostitwit b'dan li ġei [...]:

"Mill-anqas 5 % u fil-każ tal-Kroazja 2,5 % tal-kontribuzzjoni totali tal-FAEŻR għall-programm ta' żvilupp rurali għandu jiġi rriservat għal-LEADER u għall-iżvilupp lokali mmexxi mill-Komunità msemmi fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) XXXX/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* [Dan ir-Regolament].

Meta l-Istati Membri jużaw il-possibbiltà prevista fis-sitt subparagrafu tal-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, il-perċentwali stipulati fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandhom japplikaw għall-kontribuzzjoni totali tal-FAEŻR għall-programm ta' żvilupp rurali mingħajr l-appoġġ addizzjonali li jsir disponibbli f'konformità mas-sitt subparagrafu tal-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013";

(8) fl-Artikolu 75(1), jiżdied it-tieni subparagrafu li ġej:

"Għal programmi li għalihom Stat Membru jiddeċiedi li jestendi l-perijodu 2014-2020 f'konformità mal-Artikolu 1(1) tar-Regolament (UE) [XXXX/XXXX] [Dan ir-Regolament], dak l-Istat Membru għandu jippreżenta lill-Kummissjoni r-rapport annwali ta' implimentazzjoni skont l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu [...] **sat-30 ta' Ġunju 2025**";

(9) fl-Artikolu 78, jiżdied it-tieni subparagrafu li ġej:

"Għal programmi li għalihom Stat Membru jiddeċiedi li jestendi l-perijodu 2014-2020 f'konformità mal-Artikolu 1(1) tar-Regolament (UE) [XXXX/XXXX] [Dan ir-Regolament], dak l-Istat Membru għandu jippreżenta lill-Kummissjoni r-rapport ta' evalwazzjoni ex post skont l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu sal-31 ta' Diċembru 2025.";

(10) L-Anness I huwa emendat skont l-Anness I għal dan ir-Regolament.

Artikolu 9
Emendi għar-Regolament (UE) Nru 1306/2013

Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 25, jiżdied it-tielet subparagrafu li ġej:

"Għall-2021, l-ammont tar-riżerva għandu jkun EUR [400] miljun (bil-prezzijiet tal-2011) u għandu jiġi inkluż taħt l-Intestatura 3 tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali kif stipulat fl-Anness tar-Regolament tal-Kunsill (UE) [xxxx/xxxx]*[QFP].

* Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) [...] ta' [...] [li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021 sal-2027 (ĠU ...)];

(2) L-Artikolu 33 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 33

Impenji tal-baġit

Fir-rigward tal-impenji tal-baġit tal-Unjoni għal programmi ta' żvilupp rurali, għandu japplika l-Artikolu 76 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, fejn applikabbli flimkien mal-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) [XXXX/XXXX] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* [Dan ir-Regolament].

* Ir-Regolament (UE) [...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' [...] [...] (ĠU ...).";

(3) fl-Artikolu 35, jiżdied il-paragrafu 5 li ġej:

"5. Għall-programmi li għalihom l-Istati Membri jiddeċiedu li jestendu l-perijodu 2014-2020 f'konformità mal-Artikolu 1(1) tar-Regolament (UE) [XXXX/XXXX] [Dan ir-Regolament], l-ebda prefinanzjament ma għandu jingħata għall-allokazzjoni tal-2021.";

(4) fl-Artikolu 37, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Wara li tirċievi l-aħħar rapport ta' progress annwali dwar l-implimentazzjoni ta' programm ta' żvilupp rurali, il-Kummissjoni għandha tħallas il-bilanċ, soġġett għad-disponibbiltà ta' riżorsi, abbażi tal-pjan finanzjarju fis-seħħ, tal-kontijiet annwali għall-aħħar sena ta' eżekuzzjoni għall-programm ta' żvilupp rurali rilevanti u tad-deċiżjoni ta' approvazzjoni korrispondenti. Dawn il-kontijiet għandhom jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn sitt xhur wara d-data finali tal-eliġibbiltà tal-infiq kif imsemmi fl-Artikolu 65(2) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, fejn applikabbli flimkien mal-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) [XXXX/XXXX] [Dan ir-Regolament]. Dawn għandhom ikopru n-nefqa effettwata mill-aġenzija tal-pagamenti sal-aħħar data ta' eliġibbiltà tal-infiq.";

(5) fl-Artikolu 38, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-parti tal-impenji tal-baġit li tkun għadha miftuħa fl-aħħar data ta' eliġibbiltà tal-infiq kif imsemmi fl-Artikolu 65(2) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, u fejn applikabbli flimkien mal-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) [XXXX/XXXX] [Dan ir-Regolament], li dwarha ma tkunx saret dikjarazzjoni ta' nfiq fi żmien sitt xhur wara dik id-data għandha tiġi diżimpenjata awtomatikament.".

Artikolu 10
Emendi għar-Regolament (UE) Nru 1307/2013

Ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 11(6), jiżdied ir-raba' subparagrafu li ġej:

"Għas-sena 2021, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bid-deċiżjonijiet meħuda f'konformità mal-Artikolu u bi kwalunkwe prodott stmat ta' tnaqqis sa [...] [ii/xx]²²2020.";

(2) L-Artikolu 14 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, jiżdied is-seba' subparagrafu li ġej:

"Sa [...] [ii/xx] 2020²³, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jagħmlu disponibbli, bħala appoġġ addizzjonali ffinanzjat taħt l-FAEŻR fis-sena finanzjarja 2022, sa 15 % tal-limiti massimi nazzjonali annwali tagħhom għas-sena kalendarja 2021 stipulati fl-Anness II għal dan ir-Regolament. B'riżultat ta' dan, l-ammont korrispondenti ma għandux jibqa' disponibbli għall-għoti ta' pagamenti diretti. Din id-deċiżjoni għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni sa [...] [ii/xx]²⁴2020 u għandha tistabbilixxi l-perċentwal magħżul.";

²² Din għandha tiġi aġġustata skont iż-żmien li fih x'aktarx ikun adottat dan ir-regolament.

²³ Din għandha tiġi aġġustata skont iż-żmien li fih x'aktarx ikun adottat dan ir-regolament.

²⁴ Din għandha tiġi aġġustata skont iż-żmien li fih x'aktarx ikun adottat dan ir-regolament.

(b) fil-paragrafu 2, jiżdied is-seba' subparagrafu li ġej:

"Sa [...] lii/xx 2020²⁵, l-Istati Membri li ma jidhux id-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1 għas-sena finanzjarja 2022, jistgħu jiddeċiedu li jagħmlu disponibbli bħala pagamenti diretti sa 15 %, jew fil-każ tal-Bulgarija, l-Estonja, Spanja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, il-Finlandja u l-Iżvezja sa 25 %, tal-ammont allokat għall-appoġġ iffinanzjat taħt il-FAEŻR fis-sena finanzjarja 2022 bil-leġislazzjoni tal-Unjoni adottata wara l-adozzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (UE) [xxxx/xxxx]*[QFP]. B'riżultat ta' dan, l-ammont korrispondenti ma għandux jibqa' disponibbli għall-appoġġ iffinanzjat mill-FAEŻR. Din id-deċiżjoni għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni sa [...] lii/xx 2020²⁶ u għandha tistabbilixxi l-perċentwal magħżul.

* Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) [...] ta' [...] [li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021 sal-2027 (ĠU ...).";

(3) l-Artikolu 15a li ġej jiżdied fl-aħħar tal-Kapitolu 1:

"Artikolu 15a

Notifiki għas-sena kalendarja 2021

Għas-sena kalendarja 2021, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw il-perċentwali tal-limitu massimu nazzjonali annwali msemmi fl-Artikoli 22(2), **36(4)**, 42(1), 49(1), 51(1) u 53(6) sa [...] lii/xx 2020²⁷.";

²⁵ **Din għandha tiġi aġġustata skont iż-żmien li fih x'aktarx ikun adottat dan ir-regolament.**

²⁶ **Din għandha tiġi aġġustata skont iż-żmien li fih x'aktarx ikun adottat dan ir-regolament.**

²⁷ **Din għandha tiġi aġġustata skont iż-żmien li fih x'aktarx ikun adottat dan ir-regolament.**

- (4) fl-Artikolu 22(5), jiżdied it-tieni subparagrafu li ġej:

"Għas-sena kalendarja 2021, jekk il-limitu massimu għal Stat Membru stipulat mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 1 ikun differenti minn dak tas-sena ta' qabel b'riżultat ta' bidla fl-ammont stabbilit fl-Anness II jew b'ħala riżultat ta' kwalunkwe deċiżjoni meħuda minn dan l-Istat Membru f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, l-Artikolu 14(1) jew (2), l-Artikolu 42(1), l-Artikolu 49(1), l-Artikolu 51(1), jew l-Artikolu 53, dak l-Istat Membru għandu jnaqqas jew iżid b'mod lineari l-valur tad-drittijiet kollha għall-pagament u/jew inaqqas jew iżid ir-riżerva nazzjonali jew ir-riżervi reġjonali sabiex tiġi żgurata konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.";

- (5) fl-Artikolu 23(6), jiżdied ir-raba' subparagrafu li ġej:

"Għas-sena kalendarja 2021, l-Istati Membri li japplikaw l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni sa [...] [ii/xx] 2020²⁸ bid-deċiżjonijiet imsemmija fil-paragrafi 2 u 3.";

- (6) fl-Artikolu 25, jiżdied il-paragrafu 11 li ġej:

"11. Wara li jkunu applikaw l-aġġustament imsemmi fl-Artikolu 22(5), l-Istati Membri li jkunu użaw id-deroga prevista fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu jistgħu jiddeċiedu li d-drittijiet għall-pagament li għandhom il-bdiewa fil-31 ta' Diċembru 2019 b'valur aktar baxx mill-valur tal-unità nazzjonali jew reġjonali għas-sena 2020 kif ikkalkulat f'konformità mat-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu jiżdidilhom il-valur ta' unità tagħhom għall-valur ta' unità nazzjonali jew reġjonali fis-sena 2020. Iż-żieda għandha tiġi kkalkulata skont il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-metodu ta' kalkolu għaż-żieda deċiża mill-Istat Membru huwa bbażat fuq kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji;

²⁸ **Din għandha tiġi aġġustata skont iż-żmien li fih x'aktarx ikun adottat dan ir-regolament.**

(b) biex tiġi ffinanzjata ż-żieda, id-drittijiet kollha għall-pagament jew parti minnhom li huma proprjetà tal-bdiewa, jew li huma mikrija lilhom fil-31 ta' Diċembru 2019, li għandhom valur oġġla mill-valur tal-unità nazzjonali jew reġjonali fis-sena 2020 kif ikkalkulat f'konformità mat-tieni subparagrafu, għandhom jitnaqqsu. Dan it-tnaqqis għandu japplika għad-differenza bejn il-valur ta' dawk id-drittijiet u l-valur tal-unità nazzjonali jew reġjonali fis-sena 2020. L-applikazzjoni ta' dan it-tnaqqis għandha tkun ibbażata fuq kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji, li jistgħu jinkludu l-iffissar ta' tnaqqis massimu.

Il-valur tal-unità nazzjonali jew reġjonali għas-sena 2020 imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jiġi kkalkulat billi l-limitu massimu nazzjonali jew reġjonali għall-iskema ta' pagament bażiku jkun diviż kif stabbilit f'konformità mal-Artikolu 22(1) jew 23(2) għas-sena 2020, minbarra l-ammont tar-riżerva/i nazzjonali jew reġjonali, bin-numru ta' drittijiet għall-pagament li huma proprjetà ta' jew li huma mikrija lill-bdiewa fil-31 ta' Diċembru 2019.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri li użaw id-deroga prevista fil-paragrafu 4 jistgħu jiddeċiedu li jżommu l-valur tal-drittijiet għall-pagament ikkalkulati f'konformità ma' dan il-paragrafu soġġett għall-aġġustament imsemmi fl-Artikolu 22(5).

L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-bdiewa fi żmien debitu dwar il-valur tad-drittijiet tagħhom għall-pagament kif ikkalkulati skont dan il-paragrafu.";

(7) fl-Artikolu 25, jiżdied il-paragrafu 12 li ġej:

"12. Għas-sena kalendarja 2021, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li japplikaw aktar konverġenza interna billi japplikaw il-paragrafu 11 għas-sena rispettiva.";

(8) L-Artikolu 29 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 29

Notifiki dwar il-valur tad-drittijiet għall-pagament u l-konverġenza

Għas-sena kalendarja 2020, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw id-deċiżjonijiet tagħhom imsemmija fl-Artikolu 25(11) minn [OP fi żmien xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament Tranżizzjonali].

Għas-sena kalendarja 2021, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw id-deċiżjonijiet tagħhom imsemmija fl-Artikolu 25(12) sa [...] [ii/xx] 2020²⁹.";

(9) fl-Artikolu 30(8), jiżdied ir-raba' subparagrafu li ġej:

"Għal allokazżjonijiet mir-riżerva fl-2021, l-ammont tar-riżerva li għandu jiġi eskluż skont it-tieni subparagrafu għandu jiġi aġġustat skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 22(5). Għal allokazżjonijiet mir-riżerva fl-2021, it-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu ma għandux japplika.";

(10) fl-Artikolu 36(1), jiddaħħal it-tieni subparagrafu li ġej:

"L-Istati Membri li fl-2020 ser japplikaw l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja għandhom ikomplu jagħmlu dan wara l-31 ta' Diċembru 2020.";

(10a) fl-Artikolu 37(1), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"L-Istati Membri li jagħtu għajnuna nazzjonali transizzjonali fil-perijodu 2015-2020 jistgħu jiddeċiedu li jagħtu għajnuna nazzjonali transizzjonali fl-2021."

²⁹ **Din għandha tiġi aġġustata skont iż-żmien li fih x'aktarx ikun adottat dan ir-regolament.**

(10b) fl-Artikolu 37(4), l-ewwel inċiż jinbidel b'dan li ġej:

"- 50 % fl-2020 u l-2021."

(11) fl-Artikolu 41(1) jiżdied it-tielet subparagrafu li ġej:

"L-Istati Membri jistgħu jirrevedu d-deċiżjoni tagħhom imsemmija fl-ewwel subparagrafu sa [...] **[ii/xx]**³⁰ tas-sena ta' qabel is-sena ta' applikazzjoni. Huma għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe deċiżjoni bħal din sa dik id-data.";

(12) fl-Artikolu 42(1), jiżdied it-tieni subparagrafu li ġej:

"L-Istati Membri jistgħu jirrevedu d-deċiżjoni tagħhom imsemmija fl-ewwel subparagrafu sa [...] **[ii/xx]**³¹ tas-sena ta' qabel is-sena ta' applikazzjoni. Huma għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe deċiżjoni bħal din sa dik id-data.";

(12a) fl-Artikolu 52, il-paragrafu 10 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 70 li jissupplimentaw dan ir-Regolament fir-rigward ta' miżuri sabiex jiġi evitat li l-benefiċjarji ta' appoġġ akkoppjat volontarju jsofru minn żbilanċi strutturali tas-sug f'settur. Dawk l-atti delegati jistgħu jippermettu lill-Istati Membri jiddeċiedu li tali appoġġ jista' jkompli jitħallas sal-2021 fuq il-bażi tal-unitajiet tal-produzzjoni li għalihom ingħata appoġġ akkoppjat volontarju f'perijodu ta' referenza fl-imgħoddi. "

³⁰ **Din għandha tiġi aġġustata skont iż-żmien li fih x'aktarx ikun adottat dan ir-regolament.**

³¹ **Din għandha tiġi aġġustata skont iż-żmien li fih x'aktarx ikun adottat dan ir-regolament.**

(13) fl-Artikolu 58, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Għall-2020, l-ammont tal-pagament speċifiku għall-uċuħ tar-raba' għal kull ettaru ta' erja eliġibbli għandu jkun ikkalkulat billi r-rendimenti stabbiliti fil-paragrafu 2 jiġu mmultiplikati bl-ammonti ta' referenza li ġejjin:

- Bulgarija: EUR 649,45,
- Greċja: EUR 234,18,
- Spanja: EUR 362,15,
- Portugall: EUR 228,00.

Għall-2021, l-ammont tal-pagament speċifiku għall-uċuħ tar-raba' għal kull ettaru ta' erja eliġibbli għandu jkun ikkalkulat billi r-rendimenti stabbiliti fil-paragrafu 2 jiġu mmultiplikati bl-ammonti ta' referenza li ġejjin:

- Bulgarija: EUR [624,11],
- Greċja: EUR [225,04],
- Spanja: EUR [348,03],
- Portugall: EUR [219,09].';

(14) L-Annessi II u III huma emendati f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 11

Emendi għar-Regolament (UE) Nru 1308/2013

Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 huwa emendat kif ġej:

(0) fl-Artikolu 29(1), jiddied it-tieni subparagrafu li ġej:

[...]

"B'deroga mis-subparagrafu 1, il-programmi ta' ħidma mfassla għall-perijodu mill-1 ta' April 2018 sal-31 ta' Marzu 2021, għandhom jiġu estiżi u jintemmu fil-31 ta' Diċembru 2021. L-organizzazzjonijiet tal-produtturi rilevanti rikonoxxuti skont l-Artikolu 152 ta' dan ir-Regolament, l-assoċjazzjonijiet rilevanti tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuti skont l-Artikolu 156 ta' dan ir-Regolament u l-organizzazzjonijiet interprofessionali rilevanti rikonoxxuti skont l-Artikolu 157 ta' dan ir-Regolament għandhom jimmodifikaw il-programmi ta' ħidma tagħhom biex jieħdu kont ta' din l-estensjoni. Il-programmi ta' ħidma modifikati għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni sal-[31 ta' Diċembru 2020]³²;

³² **Din għandha tiġi aġġustata skont iż-żmien li fih x'aktarx ikun adottat dan ir-regolament.**

(1) fl-Artikolu 29, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Għall-2020, il-finanzjament mill-Unjoni tal-programmi ta' ħidma msemija fil-paragrafu 1 għandu jkun:

(a) EUR 11 098 000 għall-Greċja;

(b) EUR 576 000 għal Franza;

(c) EUR 35 991 000 għall-Italja.

Għall-2021, il-finanzjament mill-Unjoni għall-programmi ta' ħidma msemija fil-paragrafu 1 għandu jkun:

(a) EUR [10 666 000] għall-Greċja;

(b) EUR [554 000] għal Franza;

(c) EUR [34 590 000] għall-Italja.";

(1a) fl-Artikolu 33(1) jiżdiedu t-tielet u r-raba' subparagrafi li ġejjin:

"Il-programmi operazzjonali, li f'konformità mal-perijodu massimu ta' ħames snin imsemmi fl-ewwel subparagrafu, għandha tiġi approvata estensjoni għalihom wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament UE [XXXX/XXXX] [[...] Regolament tranżizzjonali], jistgħu jiġu estiżi biss sal-31 ta' Diċembru 2021.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, il-programmi operazzjonali l-ġodda li huma approvati wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament UE [XXXX/XXXX] [[...] Regolament tranżizzjonali] għandu jkollhom perijodu massimu ta' tliet snin.";

(2) fl-Artikolu 58, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Għall-2020, il-finanzjament tal-Unjoni għall-għajnuna lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi previst fil-paragrafu 1 għall-Ġermanja għandu jkun EUR 2 277 000.

Għall-2021, il-finanzjament tal-Unjoni għall-għajnuna lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi previst fil-paragrafu 1 għall-Ġermanja għandu jkun EUR [2 188 000].";

(2a) fl-Artikolu 68(1), it-tieni sentenza tat-tieni subparagrafu tinbidel b'dan li ġej:

"L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jippermettu lill-produtturi sabiex jippreżentaw talba bħal din sabiex jikkonvertu d-drittijiet f'awtorizzazzjonijiet sal-31 ta' Diċembru 2021."

(2b) fl-Artikolu 214a, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Fl-2021, il-Finlandja tista' tkompli tagħti l-għajnuniet nazzjonali msemmija fil-paragrafu 1 soġġett għall-istess kondizzjonijiet u ammonti kif awtorizzati mill-Kummissjoni għas-sena 2020."

(3) L-Anness VI huwa sostitwit bit-test fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 12

Emendi għar-Regolament (UE) Nru 228/2013

Fl-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) Nru 228/2013, il-paragrafi 1, 2 u 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1. Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament għandhom jikkostitwixxu intervent maħsub biex jistabbilizza s-swieq agrikoli fis-sens tal-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament (UE)

Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, bl-eċċezzjoni tal-miżuri previsti fl-Artikoli 22 u 24 ta' dan ir-Regolament.

2. Fir-rigward ta' kull sena finanzjarja, l-Unjoni għandha tiffinanzja l-miżuri previsti fil-Kapitoli III u IV sa total annwali ta':

-fid-dipartimenti Franċiżi extra-Ewropej: EUR [267 580 000],

-Azores u Madeira: EUR [102 080 000],

-Gżejjer Kanarji: EUR [257 970 000].

3. L-ammonti allokat i għal kull sena finanzjarja għall-finanzjament tal-miżuri previsti fil-Kapitolu III ma jistgħux ikunu akbar mill-ammonti li ġejjin:

-fid-dipartimenti Franċiżi extra-Ewropej: EUR [25 900 000],

-Azores u Madeira: EUR [20 400 000],

-Gżejjer Kanarji: EUR [69 900 000].

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi r-rekwiżiti li f'konformità magħhom l-Istati Membri jistgħu jemendaw l-allokazzjoni tar-riżorsi allokat i kull sena għall-prodotti differenti li jibbenefikaw mill-arranġamenti tal-provvista. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 34(2).

--

* Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).".

Artikolu 13
Emendi għar-Regolament (UE) Nru 229/2013

Fl-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 229/2013, il-paragrafi 2 u 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"2. L-Unjoni għandha tiffinanzja l-miżuri previsti fil-Kapitoli III u IV sa ammont ta' EUR [23 000 000].

3. L-ammont allokat għall-finanzjament tal-arranġamenti speċifiċi ta' provvista msemija fil-Kapitolu III ma għandux jaqbeż EUR [6 830 000]."

Titolu III
Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 14

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Madankollu,

- il-punt (6) tal-Artikolu 10 għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2020;
- l-Artikoli 12 u 13 għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS I

L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 huwa emendat kif ġej:

(1) it-titlu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-EWWEL PARTI: TQASSIM TAL-APPOĠĠ TAL-UNJONI GĦALL-IŻVILUPP RURALI (2014 SA 2020)";

(2) taħt it-tabella jiżdiedu t-titlu u l-kolonna li ġejjin:

"IT-TIENI PARTI: TQASSIM TAL-APPOĠĠ TAL-UNJONI GĦALL-IŻVILUPP RURALI (2021)

(prezzijiet kurrenti f'EUR)

	2021
Belġju	[67 178 046]
Bulgarija	[281 711 396]
Ċekja	[258 773 203]
Danimarka	[75 812 623]
Ġermanja	[989 924 996]
Estonja	[87 875 887]
Irlanda	[264 670 951]
Greċja	[509 591 606]
Spanja	[1 001 202 880]
Franza	[1 209 259 199]
Kroazja	[281 341 503]
Italja	[1 270 310 371]
Ċipru	[15 987 284]
Latvja	[117 307 269]

	2021
Litwanja	195 182 5171
Lussemburgu	12 290 9561
Ungerija	416 202 4721
Malta	12 207 3221
Netherlands	73 151 1951
Awstrija	480 467 0311
Polonja	1 317 890 5301
Portugall	493 214 8581
Rumanija	965 503 3391
Slovenja	102 248 7881
Slovakkja	227 682 7211
Finlandja	292 021 2271
Żvezja	211 550 8761
Total UE	11 230 561 0461
Assistenza Teknika	28 146 7701
Total	11 258 707 8161

ANNESS II

L-Annessi II u III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 huma emendati kif ġej:

(1) fl-Anness II, tiżdied il-kolonna li ġejja:

"

2021
[485 604]
[773 772]
[838 844]
[846 125]
[4 823 108]
[167 722]
[1 163 938]
[1 856 029]
[4 710 172]
[7 147 787]
[344 340]
[3 560 186]
[46 750]
[299 634]
[510 820]
[32 131]
[1 219 770]

14 5071
1703 8701
1664 8201
12 972 9781
1584 6501
11 856 1731
1129 0531
1383 8061
1506 0001
1672 7611

";

(2) fl-Anness III, tiżdied il-kolonna li ġejja:

"

2021
1485,61
1776,31
1838,81
1846,11
14 823,11
1167,71
11 163,91

<i>[2 036,6]</i>
<i>[4 768,7]</i>
<i>[7 147,8]</i>
<i>[344,3]</i>
<i>[3 560,2]</i>
<i>[46,8]</i>
<i>[299,6]</i>
<i>[510,8]</i>
<i>[32,1]</i>
<i>[1 219,8]</i>
<i>[4,5]</i>
<i>[703,9]</i>
<i>[664,8]</i>
<i>[2 973]</i>
<i>[584,8]</i>
<i>[1 856,2]</i>
<i>[129,1]</i>
<i>[383,8]</i>
<i>[506]</i>
<i>[672,8]</i>

ANNEX III**"ANNEX VI****LIMITI BAĠITARJI GĦALL-PROGRAMMI TA' APPOĠĠ IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 44(1)**

f1000 EUR kull sena tal-baġit					
	2014	2015	2016	2017-2020	mill-2021 'il quddiem
Bulgarija	26 762	26 762	26 762	26 762	[25 721]
Ċekja	5 155	5 155	5 155	5 155	[4 954]
Ġermanja	38 895	38 895	38 895	38 895	[37 381]
Greċja	23 963	23 963	23 963	23 963	[23 030]
Spanja	353 081	210 332	210 332	210 332	[202 147]
Franza	280 545	280 545	280 545	280 545	[269 628]
Kroazja	11 885	11 885	11 885	10 832	[10 410]
Italja	336 997	336 997	336 997	336 997	[323 883]
Ċipru	4 646	4 646	4 646	4 646	[4 465]
Litwanja	45	45	45	45	[43]
Lussemburgu	588	—	—	—	—
Ungerija	29 103	29 103	29 103	29 103	[27 970]
Malta	402	—	—	—	—
Awstrija	13 688	13 688	13 688	13 688	[13 155]
Portugall	65 208	65 208	65 208	65 208	[62 670]
Rumanija	47 700	47 700	47 700	47 700	[45 844]
Slovenja	5 045	5 045	5 045	5 045	[4 849]
Slovakkja	5 085	5 085	5 085	5 085	[4 887]
Renju Unit	120	—	—	—	—

Dikjarazzjoni mill-Kunsill dwar it-tul tal-perijodu tranżizzjonali

Fil-proposta tagħha, il-Kummissjoni tressaq perijodu tranżizzjonali ta' sena, jiġifieri sal-aħħar tal-2021. Sabiex jiġi evitat li jiġu ppreġudikati r-riżultati tan-negozjati li għaddejjin dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2021-2027, il-Kunsill jista' jaċċetta perijodu tranżizzjonali ta' sena għal issa. Madankollu, il-Kunsill iqis li transizzjoni ta' sena tista' ma tkunx biżżejjed, minħabba s-sitwazzjoni attwali kemm tan-negozjati tal-QFP kif ukoll tal-proċedura leġiżlattiva dwar ir-riforma tal-PAK. Barra minn hekk, il-komplessità tal-istruttura tal-PAK li jmiss ser teħtieġ thejjiġa suffiċjenti qabel ma s-sistema l-għdida tkun tista' tiġi implimentata b'suċċess. Għalhekk, fid-dawl ta' żviluppi ulterjuri, ser ikun probabbli ħafna li tirriżulta ħtieġa li jiġi estiż il-perjodu tranżizzjonali sa tmiem l-2022. Il-Kunsill jinnota li l-Parlament Ewropew jidher li jikkondividi t-tħassib tal-Kunsill. Il-Kunsill ser isegwi l-iżviluppi mill-qrib u ser jerġa' lura għal din il-kwistjoni għal deċiżjoni finali dwarha fi stadju aktar tard.
